# FIL-QORTI ĊIVILI – SEZZJONI TAL-KUMMERĊ

**IMĦALLEF**

**ONOR. IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.**

**Illum it-Tnejn, 5 ta' Diċembru, 2022**

**Kawża Nru. 9**

**Rik. Nru. 21/2021 ISB**

**Sergio Attard (K.I. Nru. 488058M)**

**vs**

**Ir-Reġistratur tal-Kumpanniji**

**Il-Qorti,**

Rat **ir-rikors** ta' **Sergio Attard**, pprezentat fil-5 ta' Marzu 2021, li permezz tiegħu huwa talab lil-Qorti sabiex:-

1. *Jerga' jdahhal l-isem tas-socjeta` Ace Construction Limited (C 37085) fir-registru tal-Kumpanniji sabiex b'hekk l-istess socjeta` titqies li kompliet bl-ezistenza taghha daqslikieku isimha ma giex imhassar; u*

2. *Jaghmel dawk il-pubblikazzjonijiet kollha mehtiega ai termini tal-Ligi relattivi ghal tali inerzjoni fir-Registru tal-Kumpanniji;*

U dan wara li ppermetta:

*Illi l-esponenti huwa direttur u beneficial owner tas-socjeta` Ace Construction Limited bin-numru tar-registrazzjoni C 37085 registrata fl-indirizz 35, Triq L-Ghammad, Swieqi, Malta;*

*Illi ai termini tal-artikolu 325(2) tal-Att dwar il-Kumpanniji (Kap 386 tal-Ligijiet ta' Malta), l-intimat baghat ittra datata 2 ta' April 2020 li permezz taghha avza lid-diretturi tas-socjeta` Ace Construction Limited li s-socjeta` kienet ser tigi mhassra minn fuq ir-registru tal-kumpanniji fi zmien tliet (3) xhur "unless cause is previously shown to the contrary" (hawn annessa u mmarkata bhala* ***Dok A****);*

*Illi gie spjegat lill-esponenti mir-rapprezentanti tal-intimat li r-raguni ghall-intimazzjoni mill-intimat kienet illi l-kumpannija naqset milli tirregistra d-dokumenti rilevanti, u cioe` l-annual returns mis-sena 2012, ma` l-istess;*

*Illi kemm l-esponenti u kif ukoll l-accountant tieghu ghamlu diversi tentattivi sabiex jinformaw lir-Registratur li s-socjeta` kienet qed topera, li l-beneficial owner kellu kull interess li jipprezenta l-annual returns u li jirregolarizza l-posizzjoni tas-socjeta` fil-konfront tal-intimat (vide l-emails hawn annessi u mmarkati bhala* ***Dok B****);*

*Illi di fatti fil-11 ta' Mejju 2020 l-esponenti ircieva rikonoxximent mill-intimat stess li l-ewwel due annual return, u cioe` dik tas-sena 2012, giet sottomessa ma' l-istess permezz tal-accountant tas-socjeta` in kwistjoni (hawn anness u mmarkat bhala* ***Dok C****);*

*Illi l-unika raguni ghaliex l-annual returns l-ohra li kellhom jiddahhlu ma ddahhlux kienet li is-sistema online tal-kumpannija ma gietx updated bil-formoli tal-annual returns tas-snin li kienu jmissu. Saru wkoll diversi tentattivi permezz ta' emails sabiex ir-rapprezentanti tar-Registratur tal-Kumpanniji jtellaw l-annual return forms l-ohra fuq s-sistema online, izda dan ma sarx;*

*Illi nonostante dan s-socjeta` Ace Construction Limited thassret minn fuq ir-Registru tal-Kumpanniji mizmuma mill-intimat, b'effett mit-2 ta' Lulju 2020;*

*Illi r-rikorrenti hass ruhu aggravat b'tali thassir u ghandu kull interess illi l-istess socjeta` terga' titqieghed fuq ir-Resgistru tal-Kumpanniji;*

*Illi jekk is-socjeta` Ace Construction Limited ma tergax titqieghed fuq ir-Registru tal-Kumpanniji, ir-rikorrenti sejjer isoffri danni rreparabbli, billi l-assi tal-istess socjeta` sejrin jiddevolvu f'idejn il-Gvern ta' Malta;*

*Illi r-rikorrenti huwa lest li jiehu kull azzjoni mehtiega sabiex tigi regolarizzata l-posizzjoni tal-kumpannija in kwistjoni;*

*Illi in fatti, ir-rikorrenti ga kkaguna li jkunu ppreparati l-kontijiet u formoli kollha tas-socjeta` Ace Construction Limited biex l-istess ikunu jistghu jigu rregistrati;*

Rat **<u>id-dokumenti</u>** ppreżentati mar-rikors (fol 4 sa fol 12).

Rat **<u>id-digriet</u>** tagħha tas-16 ta' Marzu 2021 kif diversament preseduta fejn ir-rikors kien appuntat għas-smigħ għall-udjenza tat-8 ta' Ġunju 2021 fid-9:30 am, u fejn kienet ordnata n-notifika tar-rikors lir-Reġistratur tal-Kumpaniji b'għoxrin jum żmien għar-risposta.

Rat illi r-Registratur tal-Kumpanniji kien notifikat fil-15 ta' Marzu 2021 (ara tergo ta` fol 14).

Rat illi fit-30 ta' Marzu 2021, ir-**Reġistratur tal-Kumpanniji** intimat ppreżenta **<u>ir-risposta</u>** tiegħu (fol 15) bid-dokument hemmek anness, li permezz tagħha, huwa sostna:

*Illi l-kumpanija Ace Construction Limited (C 37085) kienet ġiet reġistrata fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji ("Reġistru") fil-11 t' Ottubru 2005;*

*Illi fiż-żmien li damet fuq ir-Reġistru, il-kumpanija naqset mill-obbligi tagħha illi tibgħat kontijiet u prospetti annwali lir-Reġistratur għar-reġistrazzjoni ai termini tal-Att dwar il-Kumpaniji. Tant hu hekk, illi l-aħħar kont annwali reġistrat mar-Reġistratur tal-Kumpaniji kien dak tas-sena 2011 u l-aħħar prospett annwali illi ġie reġistrat kien dak tas-sena 2012;*

*Illi tali nuqqas kien raġuni biżżejjed sabiex l-esponent Reġistratur jissoponi illi il-kumpanija in kwistjoni ma kienetx qed topera jew tmexxi negozju ai termini tal-Artikolu 325 tal-Att dwar il-Kumpaniji;*

*Illi in vista tas-suespost, ir-Reġistratur proċeda sabiex kiteb lill-kumpanija u lill-uffiċjal tagħha sabiex javża illi l-isem tal-kumpanija kien ser jiġi mħassar minn fuq il-Reġistru kemm il-darba ma tintweriex raġuni sabiex dan ma jseħħx;*

*Illi r-Reġistratur bagħat l-ewwel avviż permezz ta' ittra lill-kumpanija (annessi u mmarkati bħala Dok. 'A', l-ittri u l-pubblikazzjonijiet kollha maħruġa mir-Reġistratur) fuq l-indirizz reġistrat tagħha kif ukoll lill-uniku direttur, fl- istess indirizz li huwa 35, Triq l-Ghammad, Swieqi, datati, 25 ta' Frar 2020;*

*Illi it-tieni avviż ġie mibgħut permezz ta' ittra oħra kemm lill-kumpanija kif ukoll lid-direttur fuq l-istess indirizz fi 2 t'April 2020; Illi f'din l-ittra il- kumpanija ġiet infurmata illi la darba kienet ilha snin tonqos mill-obbligi tagħha skont l-artikolu 325 tal-Att dwar Il-Kumpaniji, f'każ li ma tweġibx l-ewwel ittra fi żmien xahar, u t-tieni ittra fi żmien tliet xhur, ir-Reġistratur kien se jkompli bil-proċess ta' tħassir tal-isem tal-kumpanija.*

*Illi fit-2 t'April 2020, inħarġet pubblikazzjoni fuq Times of Malta fejn isem il-kumpanija kien wieħed fost oħrajn illi kien ser jiġi mneħħi minn fuq ir-Reġistru tal- Kumpaniji fi żmien tliet xhur, la darba ma jkunx hemm oġġezzjoni għal dan;*

*Illi fl-1 ta' Marzu 2020, l-unika direttur tal-kumpanija bagħat korrispondenza elettronika (annessa u mmarkati bħala Dok. 'B') fejn intqal illi għalkemm il-kumpanija "is still in operation but dormant for the past years";*

*Illi fid-29 ta' April 2020, ir-rikorrent bagħat jgħid permezz ta' korrispondenza elettronika (annessa u mmarkati bħala Dok. 'C'), illi għalkemm il-kumpanija, skont hu, kienet "inoperable for many years", hija kellha assi li ma xtaqx illi jintilfu. Huwa kompla sabiex isaqsi "to please inform me on what steps to take to stop this action". Huwa fatt stramb kif direttur ta' kumpanija jitlob lir-Reġistratur sabiex jikkonferma l-obbligi legali tiegħu sabiex iwaqqaf l-azzjoni taħt l-Artikolu 325 tal-Att dwar il-Kumpaniji, meta din l-azzjoni kienet inbdiet fil-konfront tal-kumpanija bħala riżultat ta' nuqqasijiet kbar u grossolani għal snin sħah min-naħa tar-rikorrenti.*

*Illi fil-frattemp kien hemm diversi telefonati mir-rikorrent mal-Avukat Claudette Fenech fejn intqal illi sabiex titwaqqaf l-azzjoni taħt l-Artikolu 325 kien hemm bzonn illi jintbagħtu kemm jista' jkun malajr, id-dokumentazzjoni nieqsa, iktar speċifikament il-prospetti annwali, illi fil-prattika huma formoli sempliċi illi jiriflettu d-dettalji tal-kumpanija u tal-uffiċjali tagħha. L-Avukat Fenech kompliet billi nformat lir-rikorrent illi sabiex jiġu reġistrati dawn il-prospetti, dawn kellhom jiġu sottomessi flimkien mat-tariffi annwali marbuta magħhom. Ghal dan, ir-rikorrent qal li m' għandux il-finanzi sabiex jagħmel dan. Dan għalkemm kif sar magħruf aktar tard, il-*

*kumpanija kienet is-sid ewlieni ta' ħames proprjetajiet reġistrati f'isimha.*

*Illi r-rikorrent stqarr ukoll illi billi ma kienx computer literate, huwa ma setax jagħmel il-prospetti mitluba minnu. Għalhekk, l-istess avukat iggwidat pass pass lit-tifla tar-rikorrent sabiex tali prospett ġie eventwalment mibgħut wara li l-isem tal-kumpanija kien diġa ġie mħassar minn fuq ir-Reġistru.*

*Illi għalkemm ir-rikorrent bagħat korrispondenza elettronika, huwa naqas milli jibgħat id-dokumentazzjoni meħtiega sabiex ikun ċert illi l-kumpanija tibqa' fuq ir-Reġistru. Illi jidher biċ-ċar illi l-uniku nteress li kellu r-rikorrent kien illi jinqeda bil-kumpanija sabiex ma jitlifx il-ħames proprjetajiet miżmuma minnha mingħajr spejjeż ta' xejn.*

*Illi billi r-Reġistratur ma rceviex id- dokumenti pendenti kollha mingħand il-kumpanija, huwa mexa sabiex fit-2 ta' Lulju 2020, li jaħbat tliet xhur mill-pubblikazzjoni msemmija hawn fuq, l-esponent ħareġ avviż fuq website miżmuma minnu fejn ġie avżat illi l-isem tal-kumpanija in kwistjoni kien ġie mħassar minn fuq ir-Reġistru;*

*Illi r-rikors qiegħed isir fiż-żmien il-ħames snin mill-pubblikazzjoni tal-avviż tat-tħassir u għalhekk għadu fiż-żmien stipulat mil-liġi;*

*Illi filwaqt illi r-Reġistratur jixtieq illi jekk il-kumpanija terġa titpoġġa fuq ir-Reġistru tali kumpanija taġġorna d-dokumentazzjoni meħtieġa (inkluż il-prospetti annwali u l-kontijiet annwali) u dan sabiex jiġi salvagwardjat l-interessi tat-terzi persuni, ir-Reġistratur qiegħed umilment jissolleva illi qiegħed iħalli f'idejn dina l-Onorabbli Qorti u fil-provi sabiex jiġu magħrufin il-passi illi għandhom jittieħdu min-naħa tiegħu sabiex il-pożizzjoni tal-kumpanija in kwistjoni tiġi rattifikata.*

*Illi l- ammont dovut fuq reġistrazzjonijiet ta' prospetti annwali li baqgħu pendenti jammontaw għal EUR2,450.*
*Illi di piu' il-penali fuq il-prospetti annwali u l-kontijiet annwali li baqgħu qatt ma ġew reġistrati jammontaw għal EUR 5,682.20.*

*Illi għaldaqstant huwa lest li joqgħod għal kull direzzjoni u provediment illi din l-Onorabbli Qorti jidrilha xierqa u opportuni fiċ-ċirkostanzi partikulari ta' dan il-każ.*

Rat illi fl-udjenza tat-8 ta' Ġunju 2021, dehret l-Avukat Eliza Borg Rizzo għar-rikorrent u dehret l-Avukat Claudette Fenech għar-Reġistratur tal-Kumpaniji.

Rat illi f'dik l-udjenza id-difensur tar-rikorrenti iddikjarat illi r-rikorrent kien dispost jirregolarizza l-posizzjoni tas-soċjeta` **Ace Construction Limited (C-37085)**;

Rat il-verbal tal-udjenza tas-6 ta' Lulju 2022, minn fejn jirriżulta illi d-difensuri tal-partijiet ddikjaraw illi l-pendenzi kollha tas-soċjeta` Ace Construction Limited (C-37085) kienu ġew riżolti u regolarizzati, u għalhekk bi qbil bejn id-difensuri tal-partijiet, il-kawża tħalliet għall-llum għall-provvediment.

Rat l-atti l-oħra tal-kawża.

**Ikkunsidrat**:

Illi jirriżulta illi din hija azzjoni mressqa mir-rikorrenti ai termini tal-**Artiklu 325(4) tal-Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta**, u li permezz tagħha, ir-rikorrenti, li huwa direttur u l-*ultimate beneficial owner* tas-soċjeta' **Ace Construction Limited (C-37085)**, liema kumpanija tħassret minn fuq ir-Reġistru tal-kumpaniji fit-2 ta' Lulju 2020.

Illi, f'dan il-kuntest, ir-rikorrent għandu kull interess illi l-istess kumpanija terġa' titqiegħed fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji u dana stante partikolarment il-fatt li l-kumpanija għandha assi li r-rikorrent ma jixtieqx li jintilfu favur il-Gvern ta' Malta.

Illi r-rikorrenti ddikjara mill-bidu, sa mir-rikors mressaq illi huwa kien lest li jieħu kull azzjoni meħtieġa sabiex tiġi regolarizzata l-pożizzjoni tal-kumpanija in kwistjoni Ace Construction Limited u filfatt iddikjara li ħa kull azzjoni meħtieġa sabiex ikun f'posizzjoni li jirregolarizza l-pożizzjoni tal-kumpanija in kwistjoni

Illi l-intimat Reġistratur jgħid illi l-kumpanija msemmija kienet naqqset mill-obbligi tagħha mar-Reġistratur, li tibgħat kontijiet u prospetti annwali u illi għalhekk kellu kull raġuni valida fil-ligi biex jikkanċella l-kumpanija u għadda mill-proċeduri kollha li trid il-liġi biex sar dan u kienu akkumulaw *registration fees* u penali kif indikat fir-risposta.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

**Art. 325(4) tal-KAP 386 tal-Ligijiet ta' Malta:**

> *Jekk membru jew kreditur tal-kumpanija, jew xi persuna oħra li fil-fehma tal-Qorti jkollha interess li tħossha aggravata bil-fatt li l-isem tal-kumpanija jkun tħassar minn fuq ir-Reġistru bis-saħħa ta' dan l-artikolu, il-Qorti, fuq rikors magħmul mill-membru jew kreditur jew minn dik il-persuna l-oħra, qabel ma jgħaddu ħames snin mill-pubblikazzjoni tal-avviż tat-tħassir provdut fis-subartikoli (2) u (3), tista', jekk tkun sodisfatta li jkun xieraq li l-isem tal-kumpanija jerġa' jidħol fir-reġistru, tordna li dak l-isem jerġa' jidħol fir-reġistru, u mal-konsenja ta' kopja uffiċjali tal-ordni mir-Reġistratur tal-Qrati lir-Reġistratur għar-reġistrazzjoni, il-kumpanija għandha titqies li kompliet bl-eżistenza tagħha daqslikieku isimha ma kienx tħassar; u l-Qorti tista' bl-ordni tagħha tagħti dawk id-direzzjonijiet u tagħmel dawk il-provvedimenti li jidhrilha xierqa biex il-kumpanija u l-persuni l-oħra kollha jitqiegħdu fl-istess pożizzjoni kemm jista' jkun viċin dik li kieku l-isem tal-kumpanija ma jkunx tħassar. Ir-Reġistratur għandu minnufih jgħaddi biex jippubblika avviż fil-Gazzetta jew fuq website miżmuma mir-Reġistratur u f'gazzetta li toħroġ kuljum li ċ-ċirkolazzjoni tagħha tkun għal kollox jew prinċipalment f'Malta u l-isem tal-kumpanija jerġa' jidħol fir-reġistru.*

Il-Qorti qieset u fliet ir-rekwiżiti li hemm bżonn biex kumpanija kummerċjali li tneħħiet minn fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji terġa' ssib postha fuqu ai termini tas-Sub-Artiklu appena ċitat.

M'hemmx dubbju illi għadhom ma għaddewx il-ħames snin minn meta il-kumpanija Ace Construction Limited (C-37085) ġiet ikkanċellata minn fuq ir-Reġistru.

Id-dokumenti ppreżentati jitkellmu waħedhom u ma jirriżultax lanqas kontestazzjoni dwar il-fatti li irriżultaw.

Il-Qorti pero`, kif tagħmel dejjem f'ċirkostanzi bħal dawn u qabel ma tgħaddi għall-provvediment, tqis id-disponibilita' li kellhom r-rikorrenti illi jirregolarizza l-affarijiet tal-kumpanija mar-Reġistratur intimat. F'dan il-każ, ir-rikorrent żamm kelmtu u l-promessa magħmula mill-istess rikorrenti inżammet, tant illi l-Qorti ġiet mgħarrfa illi l-pendenzi kollha kienu ġew

regolarizzati, anke jekk kien jinhtieg ftit taz-zmien mhux hazin u numru zghir ta' differimenti.

Bi qbil bejn id-difensuri tal-partijiet għalhekk, il-Qorti ġiet mistiedna tgħaddi għall-provvediment.

**GĦALDAQSTANT**, fid-dawl tal-provvedimenti tal-KAP 386 hawn fuq ċitati u fid-dawl ta' dak hawn fuq kkunsidrat, il-Qorti jidhrilha illi jkun ġust u ekwu illi tilqa' t-talbiet tar-rikorrent u dana billi:

1. **Fl-ewwel lok**, tordna lir-Registratur tal-Kumpanniji sabiex, ai termini tal-Artiklu 325(4) tal-KAP 386 tal-Liġijiet ta' Malta, fi żmien ħmistax il-jum, jerġa' jdaħħal l-isem ta' **Ace Construction Limited (C-37085)** fuq ir-Reġistru tal-Kumpanniji, biex b'hekk titqies illi kompliet bl-eżistenza tagħha daqs li kieku isimha ma kienx tħassar minn fuq ir-Reġistru.

2. **Fit-tieni lok** tordna lir-Registratur tal-Kumpanniji sabiex iwettaq dawk il-pubblikazzjonijiet kollha mehtiega ai termini tal-liġi relattiva għal tali inserzjoni mill-ġdid tal-kumpannija msemmija fir-Reġistru tal-Kumpanniji.

3. **Fit-tielet lok**, tordna, illi l-isem ta' **Ace Construction Limited (C-37085)** jitpoġġa lura fuq tali Reġistru tal-Kumpanniji.

4. **Fil-raba' lok**, tordna illi l-ispejjes ta' din il-procedura u kif ukoll kwasliasi spejjes illi nkorra ir-Registratur intimat sabiex hassar isem il-kumpannija minn fuq il-lista u kwalsiasi spejjes illi jista' jinkorri ir-Reġistratur intimat sabiex jirrestitwixxi isem il-kumpannija **Ace Construction Limited (C-37085)** fuq ir-Reġistru tal-kumpanniji jkunu a karigu tar-rikorrent.

| | |
|---|---|
| **Onor. Ian Spiteri Bailey** | **Marisa Bugeja** |
| **Imħallef** | **Deputat Reġistratur** |